**16 ta' Diċembru, 1961**

**Imħallef:—**

**Onor. Dr. W. Harding, C.B.E., K.M., B.Litt., LL.D.**

Il-Pulizija

*versus*

Reginald Formosa

**"Speed-Boat" — Numru u Ittra tal-Identifikazzjoni — Prova.**

*Mhux biżżejjed li l-ittra u n-numru tal-identifikazzjoni ta' speed-boat ikunu ndikati korrettament fuq naħħa waħda, jekk ma jkunx hekk ukoll fuq in-naħħa l-oħra; għaliex għall-finijiet tal-identifikazzjoni tal-imbarkazzjoni f'każ ta' kontravvenzjoni hu neċessarju li din l-identifikazzjoni ma tiġix maldiretta bin-numru żbaljat fuq naħħa waħda, jekk min ikun qiegħed jinnota l-kontravvenzjoni jkun għal fuq dik in-naħħa.*

*Il-ġudizzju tat-terzi ma jiswiex bħala prova, sakemm dawn ma jiġux indikati "nominatim" u prodotti bħala xhieda; u għal-hekk ix-xhieda ta' min jirriferixxi dak li qalulu dawk it-terzi tibqa' "pro tanto" xhieda "de auditu", mhux riċevibbli bħala prova.*

Il-Qorti:— Rat l-imputazzjoni miġjuba mill-Pulizija quddiem il-Qorti Kriminali tal-Maġistrati ta' Malta kontra Reginald Formosa talli fil-15 ta' Lulju 1961, bħala sid tal-inġenji żgħar, saq l-istess inġenji b'veloċità ta' iżjed minn għaxar mili tal-baħar fil-Port ta' Marsamxett, u għamel użu mill-istess inġenji mingħajr ma l-ittra u n-numru, jiġifieri S. 196, li l-Kummissarju tal-Pulizija kien tah, ġew immarkati jew miżbugħa fuq l-estern ta' kull naħħa tal-pruwa tal-imsemmija nġenji skond ir-Regolamenti;

Rat is-sentenza ta' dik il-Qorti tat-30 ta' Awissu 1961, li biha sabet l-imputat ħati skond l-imputazzjoni, u kkundannatu għall-ammenda ta' £2 għall-ewwel kontravvenzjoni u 10s. ammenda għat-tieni;

Rat ir-rikors tal-imputat, li bih appella mis-sentenza fuq imsemmija, u talab li tiġi revokata u li hu jiġi assolt;

Trattat l-appell;

Ikkunsidrat;

Kwantu għat-tieni mputazzjoni, deher mill-provi li mentri fuq naħħa waħda tal-ispeed-boat kien hemm l-ittra "S" u n-numru "196", li kienu għar-regola, però, fuq in-naħħa l-oħra l-ittra "S" kienet nieqsa, u kien nieqes ukoll in-numru "1", b'mod li n-numru kien jidher, għal min iħares lejn l-ispeed-boat minn dik in-naħħa. bħala "96". Fir-rikors tal-appell qiesu jingħad li, ladarba kienu korretti l-indikazzjonijiet ta' naħħa waħda, dan kien jissoddisfa l-eżiġenzi tal-liġi; iżda hu ovvju li ma hux hekk, għaliex għall-finijiet tal-identifikazzjoni tal-imbarkazzjoni f'każ ta' kontravvenzjoni hu neċessarju li din l-identifikazzjoni ma tiġix maldiretta bin-numru żbaljat fuq naħħa waħda, jekk min ikun qiegħed jinnota l-kontravvenzjoni jkun jinsab dik in-naħħa. Del resto, ma jidherx li fit-trattazzjoni orali saret xi insistenza fuq din il-parti tal-appell;

Kwantu għall-ewwel imputazzjoni, tant is-Surġent Mizzi kemm il-kuntistabbli Demicoli, evidentement, kwantu għal li-speed li bih kien qed isuq li-speed-boat l-imputat, ti "skier" jew "skiers" warajh, kienu pjuttost qegħdin jiddependu fuq l-informazzjoni ta' terzi, sija pure dilettanti ta' speed-boats u "ski-ing"; fis-sens li, skond dawn it-terzi, sabiex speed-boat tista' ttalla' s-"skier" b'mod li effettivament ikun hemm is-"skiing", jeħtieġ li li-speed ikun ta' aktar minn għaxar knots fis-siegħa. Ma jidherx li dawn iż-żewġ uffiċjali tal-Pulizija adduċew xi fattur ieħor li kien jindika li-speed ħlief, minbarra r-riferenza għat-terzi li għamel is-Surġent Mizzi, il-ġudizzju tagħhom personal li l-ispeed ken qawwi. Hu ċar li l-ġudizzju tat-terzi ma jiswiex, sakemm dawn ma ġewx indikati "nominatim" u prodotti bħala xhieda esperti nominati mill-Qorti; u għalhekk ix-xhieda tal-uffiċjali tal-Pulizija tibqa', "pro tanto", xhieda "de auditu", mhux riċevibbli in prova;

L-imputat xehed li hu kien għaddej f'din l-okkażjoni

b'xi għaxar knots fis-siegħa, u qal ukoll li kellu s-"skiers" warajh. Għalhekk sar opportun, għall-finijiet tal-kontroll tax-xhieda tal-imputat, li jiġi ndagat kemm huwa l-"minimum speed" sabiex jista' jkun hemm is-"skiing", jew aħjar sabiex is-"skiing" jista' jitla'. Kien għal dan il-motiv li l-Qorti ordnat li jissejħu tliet persuni ta' esperjenza f'din il-materja. L-ixhud espert Falla qal li normalment l-ispeed għas-"skiing" ikun bejn 15 u 16 il-mil fis-siegħa, iżda ma eskludiex il-possibbilità li jista' jkun hemm "skiing" anki bi speed ta' għaxar knots fis-siegħa. Sostanzjalment dan ġie anki konfermat miż-żewġ xhieda l-oħra, ukoll ta' esperjenza, li ċjoè hu possibbli, u huma stess raw u prattikaw speed ta' għaxar knots fis-siegħa bi "skiing". Per konsegwenza, ma jistgħax jingħad li x-xhieda tal-appellant ma tistgħax tiġi aċċettata fuq il-motiv li dak li qal hu ma hux possibbli; infatti hu possibbli, u fil-fatt sar;

Għalhekk, kieku l-provi waqfu hawn, ma kienx ikun hemm kontra l-imputat l-assodament tal-imputazzjoni;

Iżda hemm l-ammissjoni tal-imputat. Meta l-kuntistabbli Demicoli kkonfronta lill-imputat bli-speed eċċessiv li bih kien qed isuq li-speed-boat ġewwa l-port, dan ma nnegax, anzi qal lill-kuntistabbli:— "Iva, għaliex barra hemm il-kelb-il-baħar"; mbagħad talab lis-surġent biex jaħfirlu. Is-Surġent Mizzi kkonferma dan, u żied jgħid li l-imputat, speċi biex jipperswadihom jaħfrulu, żied jgħidilhom li ma kienx hemm nies jgħumu, biex ifisser li perikolu għall-għawwiema ma kienx hemm. Id-difiża riedet tqiegħed fid-dubju dan l-inċident; iżda hu ta' min josserva li l-imputat jammetti li hu talab lill-Pulizija biex taħfirlu, imma qed jgħid li l-maħfra talabha għall-kontravvenzjoni tan-numru biss. Mhux biss il-membri tal-Pulizija ma jgħidux dan, imma la l-kelb-il-baħar barra mill-port, u lanqas il-perikolu għall-għawwiema, ma għandhom x'jaqsmu man-numru, imma biss mal-ispeed;

Għal dawn il-motivi;

Tiddeċidi billi tirrespinġi l-appell u tikkonferma s-sentenza appellata.